Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 4 ta' April 2016
(OR. en)

7477/16

ENV 189

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Kummissjoni Ewropea
data meta waslet:	29 ta' Marzu 2016
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	D038863/05
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI ta' XXX li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-ekotikketta tal-UE għall-kompjuters, għal-laptops u għat-tablets

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument D038863/05.

Mehmuż: D038863/05

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, XXX
D038863/05
[…](2016) XXX draft

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' XXX

li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-ekotikketta tal-UE għall-kompjuters, għal-laptops u għat-tablets

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' XXX

li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-ekotikketta tal-UE għall-kompjuters, għal-laptops u għat-tablets

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar skema ta' Ekotikketta tal-UE[1], u b'mod partikolari l-Artikoli 6(7) u 8(2) tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Bord tal-Unjoni Ewropea għat-Tikkettar Ekoloġiku,

Billi:

(1) Skont ir-Regolament (KE) Nru 66/2010, l-Ekotikketta tal-UE tista' tingħata lil dawk il-prodotti b'impatt ambjentali mnaqqas matul iċ-ċiklu kollu ta' ħajjithom.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 jipprovdi li għandhom jiġu stabbiliti kriterji speċifiċi tal-Ekotikketta tal-UE skont il-gruppi tal-prodotti.

(3) Sabiex ikun rifless aħjar l-avvanz fis-suq ta' dan il-grupp ta' prodotti u jitqiesu l-innovazzjonijiet, jixraq li jinbidel il-kamp ta' applikazzjoni tal-grupp ta' prodotti u li jiġi stabbilit sett rivedut ta' kriterji ekoloġiċi.

(4) B'mod separat, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/330/UE[2] u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/337/UE[3] jindirizzaw il-kompjuters u l-laptops. Jixraq li l-kriterji stabbiliti fid-Deċiżjonijiet 2011/330/UE u 2011/337/UE jitwaħħdu fi kriterju wieħed ħalli jonqos il-piż amministrattiv għall-korpi kompetenti u għall-applikanti. Barra minn hekk, il-kriterji riveduti jirriflettu twessigħ tal-kamp ta' applikazzjoni biex jiġu indirizzati prodotti ġodda bħat-tablets u l-kompjuters portabbli komprensivi, kif ukoll rekwiżiti ġodda dwar is-sustanzi perikoluży li ddaħħlu bir-Regolament (KE) Nru 66/2010 wara li saru d-Deċiżjonijiet 2011/330/UE u 2011/337/UE.

(5) B'mod partikolari, il-kriterji għandhom l-għan li jippromwovu prodotti b'inqas impatt ambjentali u li jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli tul iċ-ċiklu ta' ħajjithom, li jkunu effiċjenti fl-użu tal-enerġija, ikunu sodi, jistgħu jissewwew u jiġu aġġornati, li

[1] [1]ĠU L 27, 30.1.2010, p. 1.
[2] ĠU L 147, 7.6.2011, p. 5.
[3] ĠU L 151, 10.6.2011, p. 5.

jkunu faċli biex jiżżarmaw u jiġu rkuprati r-riżorsi mir-riċiklaġġ meta ma jibqgħux aktar utli, filwaqt li jkunu jillimitaw kemm jista' jkun il-preżenza ta' sustanzi perikolużi[4]. L-Ekotikketta għandha tippromwovi prodotti li jkollhom prestazzjoni mtejba b'rabta ma' dawn l-aspetti. Għalhekk jixraq li jiġu stabbiliti l-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE għall-grupp ta' prodotti "kompjuters, laptops u tablets".

(6) Il-kriterji jippromwovu wkoll id-dimensjoni soċjali tal-iżvilupp sostenibbli billi jdaħħlu rekwiżiti rigward il-kundizzjonijiet tax-xogħol f'impjanti tal-immuntar finali, b'referenza għad-Dikjarazzjoni Tripartitika tal-Prinċipji rigward l-Intrapriżi Multinazzjonali u l-Politika Soċjali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (l-ILO), il-Patt Globali tan-NU, il-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem, u l-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali.

(7) Il-kriterji l-ġodda, kif ukoll ir-rekwiżiti ta' valutazzjoni u verifika relatati magħhom, għandhom ikunu validi għal tliet snin mid-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, filwaqt li jitqies iċ-ċiklu tal-innovazzjoni għal dan il-grupp ta' prodotti.

(8) Għalhekk, id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2011/330/UE[5] u 2011/337/UE[6] għandhom jinbidlu b'din id-Deċiżjoni.

(9) Il-produtturi tal-prodotti li jkunu ngħataw l-Ekotikketta tal-UE għall-kompjuters u għal-laptops skont il-kriterji stabbiliti fid-Deċiżjonijiet 2011/330/UE u 2011/337/UE għandhom jingħataw perjodu ta' tranżizzjoni biex ikollhom ħin biżżejjed ħalli jadattaw il-prodotti tagħhom u jġibuhom konformi mal-kriterji u r-rekwiżiti riveduti.

(10) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 66/2010.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

(1) Il-grupp ta' prodotti ta' "kompjuters, laptops u tablets" għandu jinkludi l-kompjuters desktop, il-kompjuters desktop integrati, il-kompjuters portabbli komprensivi, il-laptops, il-laptops 2-in-1, it-tablets, it-terminals ħfief, il-workstations u s-servers fuq skala żgħira.

(2) Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, il-consoles tal-logħob u l-inkwatri diġitali ma għandhomx jitqiesu bħala kompjuters.

Artikolu 2

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, għandhom japplikaw dawn id-definizzjonijiet, kif jispeċifika r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 617/2013[7] u l-Ftehim bejn l-Istati Uniti

---

4 Sustanzi bi klassifikazzjonijiet tal-periklu stabbiliti skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("ir-Regolament CLP") u li jkunu ġew identifikati skont l-Artikolu 59(1) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 ("ir-Regolament REACH").

5 ĠU L 147, 7.6.2011, p. 5.

6 ĠU L 151, 10.6.2011, p. 5.

tal-Amerka u l-Unjoni msemmi fir-Regolament (KE) Nru 106/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8] kif emendat b'Energy Star v6.1[9]:

(1) "Kompjuter" tfisser tagħmir li jwettaq operazzjonijiet loġiċi u jipproċessa d-dejta u normalment jinkludi unità ċentrali tal-ipproċessar (is-CPU) biex twettaq l-operazzjonijiet, jew jekk ma jkollux CPU, l-apparat irid jaħdem bħala client gateway għal server li jaġixxi ta' unità komputazzjonali tal-ipproċessar. Għalkemm il-kompjuters kapaċi jużaw it-tagħmir tal-input, bħat-tastiera, il-maws jew it-touchpad, u juru l-informazzjoni fuq skrin, dan it-tagħmir m'għandux għalfejn ikun inkluż mal-kompjuter meta jiġi konsenjat.

(2) "Kompjuter desktop" tfisser kompjuter li l-unità prinċipali tiegħu tkun maħsuba biex tibqa' f'post permanenti u mhux iddisinjat biex jinġarr, filwaqt li jkun iddisinjat biex jitħaddem flimkien ma' skrin, tastiera u maws. Il-kompjuters desktop huma ddisinjati għal firxa wiesgħa ta' applikazzjonijiet domestiċi u tal-uffiċċju.

(a) "Kompjuter desktop integrat" tfisser kompjuter desktop li jkollu l-kompjuter u l-iskrin integrati fi struttura waħda u jaħdem daqslikieku unità waħda, u jkun imqabbad mas-sors tal-elettriku AC b'kejbil wieħed. Il-kompjuters desktop integrati għandhom żewġ għamliet:

(i) sistema li fiżikament tgħaqqad il-kompjuter u l-iskrin f'unità waħda; jew

(ii) sistema ppakkjata daqslikieku sistema unika bi skrin li jkun separat iżda mqabbad mal-qafas prinċipali b'wajer tal-kurrent dirett, u kemm il-kompjuter kif ukoll l-iskrin jingħataw il-kurrent minn provvista waħda tal-elettriku.

(3) "Kompjuters portabbli komprensivi" tfisser tagħmir tal-kompjuter iddisinjat għall-portabbiltà limitata li jkun jissodisfa kull wieħed minn dawn il-kriterji:

(a) Il-prodott ikollu skrin integrat, bi 17.4-il pulzier dijagonali jew aktar;

(b) Fil-mod kif jiġi konsenjat, il-prodott ma jkollux tastiera integrata mal-istruttura fiżika tiegħu;

(c) Bħala input ikollu u jistrieħ l-aktar fuq it-touchscreen (u xi drabi jkollu tastiera);

(d) Ikollu konnessjoni tan-netwerk wireless;

---

7 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 617/2013 tat-26 ta' Ġunju 2013 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti għall-ekodisinn għall-kompjuters u s-servers informatiċi

8 Ir-Regolament (KE) Nru 106/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 dwar programm tal-Unjoni ta' tikkettar dwar l-effiċjenza enerġetika tat-tagħmir tal-uffiċċju (verżjoni mfassla mill-ġdid) (ĠU L 39, 13.2.2008, p.1).

9 Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1402 tal-15 ta' Lulju 2015 li tiddetermina l-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' deċiżjoni tal-entitajiet amministrattivi skont il-ftehim bejn il-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerika u l-Unjoni Ewropea dwar il-koordinazzjoni ta' programmi ta' tikkettar dwar l-effiċjenza enerġetika għat-tagħmir tal-uffiċċju dwar ir-reviżjoni tal-ispeċifikazzjonijiet għall-kompjuters inklużi fl-Anness C tal-Ftehim (ĠU L 217, 18.8.2015, p. 9).

(e) Ikollu batterija interna, iżda ikun maħsub l-aktar biex jitħaddem b'konnessjoni mas-sors tal-elettriku AC.

(4) "Laptop" tfisser kompjuter iddisinjat speċifikament biex jinġarr u biex jitħaddem għal ħin twil b'konnessjoni diretta mas-sors tal-elettriku AC jew mingħajrha. Il-laptops jużaw skrin integrat, tastiera mekkanika li ma tinqalax (b'tasti fiżiċi li jiċċaqilqu), u tagħmir għall-ippuntar, u kapaċi jitħaddmu b'batterija rikarikabbli integrata jew b'sors portabbli ieħor tal-enerġija. Ħafna drabi l-laptops huma ddisinjati biex jaqdu l-istess funzjoni tal-kompjuters desktop, u jħaddmu softwers b'funzjoni simili bħal tal-kompjuters desktop.

Kompjuter portabbli b'touchscreen riversibbli iżda li ma jinqalax u b'tastiera fiżika integrata jista' jitqies bħala laptop.

(a) "Terminal ħafif mobbli" tfisser tip ta' kompjuter li jissodisfa d-definizzjoni ta' terminal ħafif, iżda li jkun iddisinjat speċifikament biex jinġarr u jissodisfa wkoll id-definizzjoni ta' laptop. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, dawn il-prodotti qed jitqiesu bħala laptops.

(b) "Laptop 2-in-1" tfisser kompjuter li jixbah lil-laptop tal-għamla msejħa "clamshell" għax ikun jinfetaħ qisu arzella u jkollu tastiera fiżika, iżda jkollu touchscreen li jista' jinqala' u meta jinqala' jkun jista' jitħaddem bħala tablet separat, iżda l-partijiet tat-tastiera u tal-iskrin tal-prodott iridu jiġu konsenjati bħala unità integrata. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, il-laptops 2-in-1 qed jitqiesu bħala laptops.

(5) "Tablet" tfisser tagħmir tal-kompjuter iddisinjat biex jinġarr li jkun jissodisfa kull wieħed minn dawn il-kriterji:

(a) Il-prodott ikollu skrin integrat, akbar minn 6.5 pulzieri dijagonali u iżgħar minn 17.4-il pulzier dijagonali

(b) Fil-mod kif jiġi konsenjat, il-prodott ma jkollux tastiera fiżika integrata miegħu;

(c) Bħala input ikollu u jistrieħ l-aktar fuq it-touchscreen (u xi drabi jkollu tastiera);

(d) Ikollu u jistrieħ l-aktar fuq konnessjoni tan-netwerk wireless (eż. Wi-Fi, 3G, eċċ.);

(e) Ikollu u jitħaddem l-aktar b'batterija rikarikabbli interna (b'konnessjoni mas-sors tal-elettriku AC biex tiġi ċċarġjata l-batterija aktar milli bħala provvista tal-elettriku għat-tagħmir).

(6) "Server fuq skala żgħira" tfisser kompjuter li ħafna drabi juża l-komponenti tal-kompjuters desktop bil-għamla ta' tagħmir desktop, iżda li jkun iddisinjat l-aktar biex jaħżen id-dejta ta' kompjuters oħrajn. Fost il-funzjonijiet, is-servers fuq skala żgħira huma ddisinjati biex jagħtu servizzi tal-infrastruttura tan-netwerk u jilqgħu id-dejta/midja. Bħala funzjoni ewlenija, dawn il-prodotti mhumiex iddisinjati biex

jipproċessaw l-informazzjoni għal sistemi oħra jew biex iħaddmu s-servers tal-internet. Server fuq skala żgħira jkollu dawn il-karatteristiċi:

(a) Ikun iddisinjat fl-għamla ta' pedestall, torri, jew f'xi għamla oħra simili għal dik tal-kompjuters desktop ħalli l-ipproċessar kollu tad-dejta, il-ħażna, u l-interfaċċar tan-netwerk ikunu miġbura f'kaxxa waħda jew fi prodott wieħed;

(b) Ikun iddisinjat sabiex jaħdem 24 siegħa kuljum, 7 ijiem fil-ġimgħa, u kemm jista' jkun mingħajr waqfien mhux skedat (fil-65 ordni ta' sigħat/sena);

(c) Ikun kapaċi jaħdem b'ħafna utenti f'daqqa u jaqdi bosta utenti permezz ta' unitajiet tal-klijenti f'netwerk; u

(d) Is-sistema operattiva tkun iddisinjata għal applikazzjonijiet ta' servers domestiċi jew low-end, inklużi l-Windows Home Server, il-Linux, il-UNIX, u s-Solaris.

(7) "Terminal ħafif" tfisser kompjuter bi provvista tal-elettriku indipendenti li jistrieħ fuq il-konnessjoni ma' riżorsi informatiċi mbiegħda biex ikollu funzjonalità. Il-funzjonijiet ewlenin tiegħu jitwettqu permezz ta' riżorsi informatiċi mbiegħda. It-terminals ħfief li tkopri din l-ispeċifikazzjoni huma limitati għal tagħmir mingħajr l-ebda midja tal-ħażna rotazzjonali integrali għall-kompjuter u maħsuba biex jibqgħu f'post permanenti u mhux biex jinġarru.

(a) "Terminal ħafif integrat" tfisser terminal ħafif li jkollu l-ħardwer u l-iskrin imqabbdin mas-sors tal-elettriku AC b'kejbil wieħed. It-terminals ħfief integrati jistgħu jkunu sistema li fiżikament tgħaqqad il-kompjuter u l-iskrin f'unità waħda jew sistema ppakkjata daqslikieku sistema unika bi skrin li jkun separat iżda mqabbad mal-qafas prinċipali b'wajer tal-kurrent dirett, u kemm il-kompjuter kif ukoll l-iskrin jingħataw il-kurrent minn provvista waħda tal-elettriku. Bħala sottokategorija tal-terminals ħfief, normalment it-terminals ħfief integrati jiġu ddisinjati biex jipprovdu l-istess funzjonijiet bħat-terminals ħfief.

(b) "Terminal ultra-ħafif" tfisser kompjuter b'inqas riżorsi lokali minn terminal ħafif standard li jibgħat l-inputs mhux ipproċessati tal-maws u tat-tastiera lil riżorsi informatiċi mbiegħda u jirċievi mingħandhom vidjow mhux ipproċessat. It-terminals ultra-ħfief, la jistgħu jingħaqdu f'daqqa ma' tagħmir multipli u lanqas jistgħu iħaddmu applikazzjoni mbiegħda f'windows għax it-tagħmir m'għandux sistema operattiva tal-klijent aċċessibbli għall-utenti (jiġifieri jaħdem f'livell lil hinn mill-firmwer, u allura mhuwiex aċċessibbli għall-utent).

(8) "Workstation" tfisser kompjuter bi prestazzjoni għolja u maħsub għal utent wieħed li jintuża l-aktar għall-grafika, il-Computer Aided Design (CAD), l-iżvilupp tas-softwer, applikazzjonjiet finanzjarji u xjentifiċi, fost bosta ħidmiet oħra li jeħtieġu komputazzjoni intensiva. Il-workstations li tkopri din l-ispeċifikazzjoni jiġu kummerċjalizzati bħala workstations; ikollhom ħin medju bejn il-ħsarat (MTBF) ta' mill-anqas 15,000 siegħa (ibbażat fuq il-Bellcore TR-NWT-000332, ħarġa nru 6, 12/97 jew fuq dejta miġbura fuq il-post); u jkunu kapaċi jieħdu l-kodiċi ta' korrezzjoni tal-iżbalji (ECC) u/jew memorja buffer. Barra minn hekk, workstation għandu jissodisfa tlieta jew aktar minn dawn il-kriterji:

(a) Ikun jista' jipprovdi elettriku supplimentari għall-grafika mill-aktar avvanzata (bħal lok fejn jitqabbad sors supplimentari tal-elettriku PCI-E 6-pin 12V);

(b) Il-wiring ikun maħsub għal sistema b'akbar mill-konnessjonijiet serjali x4 PCI-E fuq il-motherboard, minbarra l-islottijiet tal-grafika u/jew il-kapaċità għall-PCI-X;

(c) Ma jiħux il-grafika tal-Uniform Memory Access (UMA);

(d) Ikollu 5 slottijiet jew aktar tal-PCI, PCIe jew PCI-X;

(e) Ikun jiflaħ jieħu multi-proċessuri sa żewġ proċessuri jew aktar, ikun jista' jieħu pakketti/plakek tal-proċessur fiżikament separati, jiġifieri dan ir-rekwiżit ma jkunx jista' jiġi ssodisfat jekk it-tagħmir ikun jieħu biss proċessur multicore wieħed; u/jew

(f) Ikun ikkwalifika għal 2 ċertifikazzjonijiet tal-prodott minn Bejjiegħa Indipendenti tas-Software (ISVs);

(9) Għall-finijiet ta' definizzjoni ta' sottoprodott u fid-definizzjonijiet ta' "laptop" u "laptop 2-in-1" għandha tapplika din id-definizzjoni addizzjonali:

(a) "Sublaptop" tfisser tip ta' laptop li jkollu ħxuna anqas minn 21mm u jiżen inqas minn 1.8kg. Laptop 2-in-1 (ara d-definizzjoni separata fl-Artikolu 2(5)) bil-għamla ta' sublaptop ikollu ħxuna anqas minn 23mm. Is-sublaptops jinkorporaw proċessuri b'qawwa baxxa u diski bi stat solidu. Ġeneralment id-diski ottiċi ma jkunux inkorporati. Il-batterija rikarikabbli tagħhom isservi aktar minn dik tal-laptops: normalment aktar minn 8 sigħat.

Artikolu 3

Il-kriterji biex tingħata l-Ekotikketta tal-UE skont ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 għal prodott li jinsab fil-grupp ta' prodotti "kompjuters, laptops u tablets" kif definit fl-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni, u r-rekwiżiti tal-valutazzjoni u l-verifika relatati magħhom huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

Il-kriterji u r-rekwiżiti tal-valutazzjoni u tal-verifika relatati magħhom stabbiliti fl-Anness għandhom jibqgħu validi għal tliet snin minn meta tiġi adottata din id-Deċiżjoni.

Artikolu 5

Għall-finijiet amministrattivi, in-numru tal-kodiċi mogħti lill-grupp ta' prodotti "kompjuters, laptops u tablets" għandu jkun "050".

Artikolu 6

Id-Deċiżjonijiet 2011/330/UE u 2011/337/UE għandhom jitħassru.

Artikolu 7

(1) Din id-Deċiżjoni għandha tapplika wara xahrejn minn meta tiġi adottata. Madankollu, l-applikazzjonijiet għall-Ekotikketta tal-UE għal prodotti li jaqgħu fil-grupp ta' prodotti "kompjuters, laptops u tablets" li jitressqu matul ix-xahrejn mid-

data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni jistgħu jissejsu fuq il-kriterji stabbiliti fid-Deċiżjonijiet 2011/330/UE u 2011/337/UE jew fuq il-kriterji stabbiliti f'din id-Deċiżjoni. L-applikazzjonijiet għandhom jiġu evalwati skont il-kriterji li jissejsu fuqhom.

(2) L-Ekotikketti mogħtija skont il-kriterji stabbiliti fid-Deċiżjonijiet 2011/330/UE u 2011/337/UE jistgħu jintużaw għal 12-il xahar mid-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 8

Din id-Deċiżjoni hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kummissjoni
Karmenu VELLA
Membru tal-Kummissjoni